**QORTI TAL-APPELL**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru: 5**

**Appell Numru: 335/12 AF**

**Attrans Commercials Limited (C-12775)**

**v.**

**Ivan Abela**

**Kenneth Galea**

**Pierre Farrugia**

**Kingpin Limited (C-44320);**

**Avv. Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti socjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company**

**Avv. Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Abulnaser Marghni**

**u b'digriet tal-Qorti tal-21 ta' Mejju 2012, Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-P.L. Pauline Mallia gew nominati minflok Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti socjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company u lill-Abulnaser Marghni;**

**u b'digriet tal-Qorti tal-5 ta' Gunju 2012, il-Qorti irrevokat**

**l-inkarigu moghti lill-P.L. Pauline Mallia u tikkonferma dak tal-P.L. Hilda Ellul Mercer**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tas-socjetà attrici Attrans Commercials Limited tat-2 ta' April 2012, li fih jinghad hekk:

> "Illi ghal habta ta' Settembru tas-sena 2009, is-socjetà rikorrenti dahlet f'diskussjonijiet fuq arrangament kummercjali mal-intimat Ivan Abela wara li dan l-intimat ippropona lir-rikorrenti li flimkien jaghmlu xoghol ta' bejgh ta' ingenji u makkinarji fis-suq Libjan.
>
> "Illi fil-kors ta' dawn id-diskussjonijiet, l-intimat Abela informa s-socjetà rikorrenti illi f'dan in-negozju huwa xtaq idahhal ukoll bhala partecipanti ohra izda mis-sehem tieghu lill-intimati Kenneth Galea u Pierre Farrugia li maghhom kellu negozju iehor ghaddej, u nforma wkoll illi dawn bejniethom gja kellhom socjetà Maltija bl-isem Kingpin Limited li kellha tigi utilizzata biex tiggestixxi tali negozju u partikolarment ukoll li huma digà kellhom socjetà fil-Libja (is-socjetà Libjana intimata Highway Car and Spare Parts Importation Company) li setghet tigi utilizzata bhala mezz biex eventwalment jinbieghu l-ingenji u l-makkinarju fil-Libja.
>
> "Illi s-socjetà rikorrenti ma kellha ebda konoxxenza tal-intimat liehor Abulnaser Marghni (bhal ma lanqas ma kellha tas-socjetà Libjana bl-isem Highway Car and Spare Parts Importation Company) u dan l-intimat beda jigi nvolut fin-negozju biss wara li dan beda.
>
> "Illi n-negozju, kif miftiehem mal-intimati Abela, Galea u Farrugia, kien fis-sens illi (a) is-socjetà attrici tavvanza self lilhom biex huma jkunu jistghu jiffinanzjaw sehemhom minn dan in-negozju; (b) is-socjetà attrici takkwista minghand terzi (suppliers taghha) l-ingenji u l-makkinarju biex dan jigi mibjugh fil-Libja; (c) il-partijiet jiddentifikaw akkwirenti fil-Libja ghal dawn l-ingenji u makkinarju; (d) is-socjetà attrici tithallas lura il-prezz u l-ispejjez minnha inkorsi ghall-akkwist ta' tali ingenji u makkinarju u (e) il-profitti rizultanti jinqasmu bejn il-partijiet, cioé hamsin fil-mija ghas-socjetà rikorrenti u hamsin fil-mija ghall-intimati.
>
> "Illi l-amministrazzjoni u d-direzzjoni ta dan in-negozju thalliet f'idejn u taht ir-responsabbilità tal-intimati Abela, Galea u Farrugia filwaqt illi fuq indikazzjoni taghhom l-intimat Marghni kien mehtieg (a detta

tal-istess intimati) ikun hemm involviment mehtieg ta' cittadin Libjan.

"Illi in adempiment tal-obbligu fuq indikat u cioé li "(a) is-socjetà attrici tavvanza self lilhom biex huma jkunu jistghu jiffinanzjaw sehemhom minn dan in-negozju" bejn is-17 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Jannar 2010, is-socjetà attrici avvanzat lill-intimat Abela, Galea u Farrugia diversi somom ta' flus, li kienu bdew jithallsu lura matul l-istess medda ta' zmien u li minnhom illum baqa' bilanc x'jithallas lis-socjetà attrici ekwivalenti ghal seba mija u tnejn u tletin elf, hames mija u hamsa u tmenin Dinar Libjan (LYD 732,585) u dan kif jirrizulta mill-Prospett relattiv hawn anness u esebit u mmarkata bhala Dok. AC1.

"Illi in adempiment tal-obbligu fuq indikat u cioé li "(b) is-socjetà attrici takkwista minghand terzi (suppliers taghha) l-ingenji u l-makkinarju biex dan jigi mibjugh fil-Libja", is-socjetà attrici akkwistat matul l-istess perjodu fuq imsemmi minghand diversi suppliers taghha numru ta' ingenji u makkinarju li ntbaghtu lejn il-Libja u ghamlet ukoll sa spejjez ghall-operat tan-negozju, fuq indikazzjoni tal-intimati u dan kif jirrizulta mill-prospett relattiv hawn anness u esebit u mmarkata bhala Dok. AC2.

"Illi matul il-perjodu kollu fuq indikat, is-socjetà attrici filwaqt illi kienet kif fuq imsemmi tirceivi pagamenti lura tas-self minnha maghmul mill-intimati Abela, Galea u Farrugia, qatt ma rceviet ebda pagament da parti tal-intimati bhala sehemha ta' hamsin fil-mija mill-profitt tan-negozju.

"Illi lejn l-ahhar tas-sena 2010 l-intimati Maltin talbu laqgha mas-socjetà attrici u pproponew illi l-partijiet jaqsmu l-profitti tal-operat u s-socjetà attrici wiegbet illi l-ewwel hija kellha tithallas l-ammont li kienet dovuta tal-istock u s-supplies li kienu ghadhom ma thallsux u liema somma sa dak iz-zmien kienet tlahhaq mas-6,000,000 Dinari Libici (circa €3,500,000) u oltre dan is-socjetà attrici bdiet tinsisti mal-intimati Abela, Galea u Farrugia li tinghata rendikont tal-operat u li wara tithallas sehemha mill-profitti relattivi.

"Illi rigward l-import ta' tali profitti jirrizulta illi minn kalkolu tal-istess intimati, sal-31 ta' Dicembru 2010, il-profitt (dejjem dak minnhom iddikjarat, stante illi l-amministrazzjoni u d-direzzjoni tan-negozju kien biss f'idejn dawn l-intimati) kien jammonta ghal 1,510,215 Dinari Libici u li ghalhekk hamsin fil-mija minnhom kien iwassal ghas-somma ta' 755,128 Dinari Libici, izda minkejja dan kif fuq imsemmi is-socjetà attrici ghadha qatt ma rceviet ebda parti minn sehemha ta dan il-profitt.

"Illi tali cirkostanzi wasslu biex is-socjetà attrici tallbet illi (1) hija tithallas lura mill-intimati Abela, Galea u Farrugia il-bilanc rimanenti mill-ammont lilhom misluf; (2) l-intimati jaghtu rendikont debitu u

komplet tal-amministrazzjoni taghhom ta' dan in-neogzju; (3) hija tithallas sehemha ta' hamsin fil-mija mill-profitti tan-negozju; (4) hija tithallas tal-istock li kienet akkwistat ghal bejgh fil-Libja u li baqa' mizmum mill-intimati.

"Illi l-istock li kienet akkwistat ghall-bejgh fil-Libja u li baqa' mizmum mill-intimati huwa dak indikat fil-Lista ta' Stock hawn anness u esebit u mmarkat bhala Dok. AC3.

"Illi l-intimati qajjmu numru ta' ostakoli biex dan kollu jsir inkluz b'tentattiv illi s-sitwazzjoni prezenti fil-Libja (li sehhet wara l-isvolgiment tal-fatti) tintuza bhala skuza biex ma jaqbdux l-obbligi taghhom u filwaqt illi informaw lis-socjetà esponenti li kienu qedin jitterminaw in-negozju, baqghu in effetti inadempjenti fuq it-talbiet kollha.

"Illi l-intimati gew wkoll interpellati permezz ta' ittra ufficcjali izda baqghu inadempjenti.

"Ghaldaqstant in vista tal-fuq premess jghidu l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

"1. Prevja kull konferma necessarja tax-xoljiment tan-negozju ta' bejn il-partijiet, tordna lill-intimati biex jipprovdu rendikont komplet tal-amministrazzjoni u d-direzzjoni taghhom tan-negozju fuq imsemmi mis-17 ta' Ottubru 2009 sad-data tax-xoljiment relattiv.

"2. Tillikwida s-sehem korrett u proprju ta' hamsin fil-mija (50%) tal-profitt mill-operazzjoni tan-negozju fuq imsemmi, okkorrenti bl-opera ta' periti nominandi.

"3. Tiddikjara lill-konvenuti in solidum bejniethom responsabbli ghal hlas tas-somma rapprezentanti tali sehem ta' profitti dovuti lis-socjetà attrici.

"4. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom biex ihallsu lis-socjetà attrici tali sehem ta' profitti hekk likwidat.

"5. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom biex ihallsu lis-socjetà attrici il-bilanc minnhom dovut lilha minnhom ghall-istock supplit lil u detenut mill-konvenuti.

"6. Tikkundanna lill-intimati Abela, Galea u Farrugia ihallsu lis-socjetà attrici l-ammont f'munita Ewro l-ekwivalenti ghas-somma ta' seba mija u tnejn u tletin elf hames mija u hamsa u tmenin Dinar Libiku (LYD732,585) (li bir-rata vigenti prezenti huma circa Euro 439,700) bilanc ta' ripagament ta' self lilhom maghmul mis-socjetà rikorrenti kif fuq premess.

> "Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali pprezenta mis-socjetà rikorrenti u netessi legali kontra l-intimati li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata ta' Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd, ipprezentata fl-4 ta' Mejju, 2012, fejn gie eccepit is-segwenti:

> "Illi in linea preliminari l-esponent Ivan Abela mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.
>
> "Illi in linea preliminari l-esponent Kenneth Galea mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.
>
> "Illi in linea preliminari l-esponent Pierre Farrugia mhuwiex legittimu kuntradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi kien biss intermedjarju bejn zewg kummercjanti.
>
> "Illi in linea preliminari s-socjetà esponenti Kingpin Ltd., mhijiex legittimu kuntradittrici u kwindi ghandha tigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi qatt ma kien hemm involviment fin-negozju mertu ta' din l-istanza.
>
> "Illi qatt u taht l-ebda cirkostanza s-socjetà rikorrenti avvanzat self lill-intimati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd, jew min minnhom kif allegat u pretiz mill-istess socjetà Attrans Commercials Ltd u dan, ghar-ragunijiet premessi fl-ewwel erba' eccezzjonijiet fuq esposti, kif ser jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
>
> "Illi ghalhekk fil-konfront tal-esponenti l-azzjoni attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez.
>
> "Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici kwantu diretti fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
>
> "B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri skond l-ezitu tal-ewwel hames (5) eccezzjonijiet."

Rat ir-risposti guramentati ta' Dr Mark A Mifsud Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer ghall-Highway Car and Spare Parts Importation Company u ghal Abulnaser Marghni rispettivament, tal-5 ta' Gunju, 2012, li permezz taghhom, jinghad:

> "Illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri.
>
> "Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Jannar, 2016, li permezz taghha iddecidiet il-kwistjoni li kellha quddiemha billi laqghet is-sitt eccezzjonijiet preliminari ta' Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Limited u cahdet it-talbiet tas-socjetà attrici fil-konfront taghhom u illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju. Bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici.

Dik il-Qorti tat dik is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi fil-5 ta' Ġunju 2012, il-kawża kienet tħalliet għall-provi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari.
>
> "Illi fis-7 ta' Novembru 2013 hija semgħet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel sitt (6) eċċezzjonijiet u sussegwentement ħalliet il-kawża għas-sentenza.
>
> "Għalhekk din is-sentenza hija waħda preliminari relattiva għall-ewwel sitt (6) eċċezzjonijiet tal-intimati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd u cioé li huma mhux il-leġittimi kuntraditturi u li mhux minnu li s-socjetà attrici avvanzatilhom (jew min minnhom) xi self u li ghalhekk l-azzjoni attriċi fil-konfront tagħhom għandha tiġi respinta.

"**Verżjoni tal-fatti tas-soċjetà attriċi:**

"Salvatore Attard, direttur tas-soċjetà attriċi Attrans Commercials Ltd, spjega li din il-kumpanija għandha attività kummerċjali kemm Malta u kif ukoll il-Libja. Xehed li fi Frar/Marzu 2009 il-konvenut Ivan Abela kien xtara xi ġenerators mingħand il-kumpanija Attrans għal-Libja.

"Qal li xi xhur wara kienu ltaqgħu każwalment u kienu tkellmu fuq kif kienet is-sitwazzjoni tax-xogħol fis-suq Libjan. Abela kien qallu li hu u żewġ partners tiegħu kienu xtaqu jagħmlu xi attività ta' servicing fil-Libja. Xehed li sussegwentement kien ftiehem ma' Ivan Abela u l-partners tiegħu Kenneth Galea u Pierre Farrugia biex jiftħu workyard fil-Libja biex tintuża sia bħala showroom għall-bejgħ tal-inġenji u ġenerators u sia bħala servicing plant għall-istess tip ta' inġenji u ġenerators. Spjega li Abela, Galea u Farrugia diġà kellhom soċjetà Maltija bl-isem Kingpin Ltd li kellha tiġi utilizzata biex tiġġestixxi n-negozju u kellhom ukoll soċjetà fil-Libja bl-isem Highway Car and Spare Parts Importation Company li setgħet tiġi utilizzata bħala mezz biex eventwalment jinbiegħu l-inġenji fil-Libja.

"Qal li l-ftehim kien li jidħlu għan-negozju 50/50: u cioé minn naħa s-soċjetà attriċi u minn naħa l-oħra Abela, Galea u Farrugia. Qal li kien aċċetta li joħroġ il-kapital inizjali kollu: in-nofs tiegħu u wkoll in-nofs ta' Abela, Galea u Farrugia u li n-nofs li ħareġ għalihom kien qed javvanzah bħala self. Qal li kellu jissupplixxi inġenji u generators għall-bejgħ fil-Libja bl-intiża li kif jinbiegħu jitħallas tagħhom, jitnaqqsu l-ispejjeż tal-operat u jinqasam il-profitt nofs bin-nofs.

"Spjega li l-kuntatt tiegħu fil-Libja kien ċertu Abdulsalam filwaqt li l-kuntatt ta' Abela, Galea u Farrugia fil-Libja kien ċertu Nasser (illum wieħed mill-konvenuti).

"Qal li qabel ma nbeda n-negozju għamel sitt pagamenti bejn is-17 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Jannar 2010 fl-ammont totali ta' LYD720,000 li minnhom LYD360,000 kienu jirrappreżentaw in-nofs ta' Abela, Galea u Farrugia. Qal li dawn ħallsu LYD44,000 u għalhekk fir-rigward ta' tali somma fadlilhom bilanċ ta' LYD316,000.

"Jiċċara li għalkemm Abela, Galea u Farrugia kienu jużaw il-kumpanija Highway li kellhom il-Libja, in-negozju u l-ftehim kien għamlu ma' Abela, Galea u Farrugia personalment. Jispjega li huwa minn Malta kien jordna l-inġenji għan-negozju tal-Libja mingħand is-suppliers barranin u huma kienu jieħdu ħsieb il-bejgħ u t-tmexxija tal-workyard.

"Attard qal li kienu jibghatu trasferimenti ta' flus mil-Libja però qatt ma kienu jibagħtu ammonti eżatti biex jinqatgħu l-invoices partikolari. Jilmenta li accounts intbagħtu darba biss fl-10 ta' Ġunju 2010. Spjega li meta l-accountant u l-accounts executive tas-soċjetà attriċi (Justin

Cutajar u Brenda Magri rispettivament) kienu ltaqgħu fl-uffiċċju ta' Pierre Farrugia, irriżulta li Abela, Galea u Farrugia kienu qed jallokaw id-dħul mill-bejgħ tal-inġenji kontra l-ammont li s-soċjetà attriċi kellha titħallas tal-bidu u mhux kontra x-xiri tal-inġenji nfushom. Jgħid li sa dak iż-żmien ma kienx tħallas il-flus li kien ħareġ lilhom għal sehemhom fil-bidu u kien għadu ma tħallasx l-ammonti sostanzjali li jirrappreżentaw il-valur tal-inġenji. Għalhekk insista li biex in-negozju jitkompla kellhom jirranġaw il-kwistjoni tal-ħlasijiet pendenti, jagħmlu laqgħat regolari u jagħmlu set up professonali, b'manager u accountant.

“Spjega li f'dak iż-żmien kien irriżulta li l-kuntatt ta' Abela, Galea u Farrugia fil-Libja, Nassar Marghni, kien fil-fatt partner tagħhom. Qal li kienet saret laqgħa f'Tripli fis-6 ta' Diċembru 2010 fejn hu (Saviour Attard) akkumpanjat minn Brenda Magri, kien iltaqa' ma' Nasser u kien reġa ikkonfermalu li kien partner mat-tlieta l-oħra. Jgħid li jumejn wara fit-8 ta' Diċembru 2010 kien irċieva ittra[1] mingħand Abela, Galea, Farrugia u Nasser fejn infurmawh li kienu qed jitterminaw in-negozju.

“Xehed li wara intbagħtet din l-ittra kellhom jagħmlu eżerċizzju ta' awditjar biex in-negozju jkun xolt u kellu jkun hemm l-involviment tal-awditur tagħhom Mr. Engerer. Iżda jgħid li l-eżerċizzju twaqqaf.

“Huwa jsostni li l-ftehim dwar in-negozju kien sar biss ma' Abela, Galea u Farrugia personalment. Jgħid li lil Nasser ma kienx jafu u qatt ma ftiehem miegħu dwar negozju. Jgħid ukoll li hu ma kellux x'jaqsam mal-kumpanija Highway. Jispjega li kien inkluda lil Nasser u lis-soċjetà Highway fil-kawża fuq parir legali.

“**<u>Verżjoni tal-fatti ta' Abela, Galea u Farrugia:</u>**

“Il-verżjoni tal-fatti ta' Abela, Galea u Farrugia, tikkuntrasta sew ma' dik tas-soċjetà rikorrenti.

“Huma jgħidu li t-tlieta li huma ilhom ħbieb għal żmien twil u kull wieħed minnhom kellu negozju personali fil-Libja tant li kienu jifthiemu biex jikkordinaw l-ivvjaġġar tagħhom biex imorru l-Libja flimkien. Jgħidu li waqt waħda minn dawn il-visiti, Farrugia kien introduċa lit-tnejn l-oħra ma Nasser Marghni, imprenditur Libjan li kellu l-kumpanija bl-isem Highway Car and Spare Parts Importation Company.

“Spjegaw li peress li Marghni ried jespandi n-negozju tiegħu kienu ftehmu t-tlieta li huma li jassistuh bħala konsulenti u jagħtuh pariri dwar kif seta jkabbar il-kumpanija, u jlaqqgħuh ma' klijenti ġodda u fornituri barra l-Libja. Jgħidu li ġie miftiehem li kellhom jingħataw kommissjoni u mhux paga u li setgħu jużaw l-uffiċini tiegħu fil-Libja u jkollhom aċċess għall-computers tiegħu anke minn Malta.

[1] Fol 182

"Ivan Abela xehed li għall-bidu tas-sena 2009 kien xtara generator mingħand Saviour Attard tas-soċjetà Attrans Commercials Ltd għal klijent li kellu l-Libja u Attard kien qallu li xtaq ikabbar in-negozju tiegħu fil-Libja. Għalhekk qallu bl-arranġament li hu u Galea u Farrugia kellhom mas-soċjetà Highway. Qal li darba minnhom meta kien sejjer fuq waħda mill-vjaġġi tiegħu il-Libja ma' sieħbu Farrugia, iltaqgħu ma' Attard fl-ajruport ta' Malta, u rriżulta li hu ukoll kien sejjer il-Libja. Xehed li meta waslu l-Libja "Introduċejna ukoll lil Nasser ma' Salvu bħala sid tas-soċjetà Highway Car & Spare Parts Importation Company" u qal li saru diskussjonijiet bejn Nasser u Attard fil-preżenza tiegħu u ta' Farrugia dwar in-negozju. Abela jikkonferma li kemm hu kif ukoll Farrugia kienu preżenti tul id-diskussjonijiet li saru bejn Nasser Marghni u Saviour Attard u jiftakar li kienu ġew miftehma diversi affarijiet, fosthom li:

- jkun hemm joint venture bejn il-kumpaniji ta' Attard u ta' Marghni: u cioé l-Attrans Commercials Ltd u l-Highway Car & Spare Parts Importation Company

- l-importazzjoni u l-bejgħ tal-inġenji fil-Libja ssir mis-soċjeta ta' Nasser;

- li l-Attrans Commercials Ltd tibgħat l-inġenji lill-Highway Car & Spare Parts Importation Company "on consignment basis" u li kif jinbiegħu l-inġenji, bir-rikavat tal-bejgħ Highway tħallas lil Attrans il-prezz tal-makkinarju cost price u wkoll il-freight. Imbagħad fl-aħħar tas-sena l-qliegħ kellu jinqasam bejn is-soċjetajiet ta' Nasser u Attard;

"Spjega li fir-rigward tiegħu, u ta' Galea u Farrugia, huma kellhom jitħallsu commission mingħand is-soċjetà ta' Nasser.

"Kompla jispjega li Nasser u Attard kienu għażlu sit fejn kellhom joperaw fil-preżenza ta' sid l-art u Nasser iffirma l-kuntratt lokatizju u ħallas l-ewwel sitt xhur kera.

"Qal li meta wasal l-ewwel trailer kien hemm problema peress li ma kienx hemm dokumentazzjoni li turi li s-soċjetà Highway kienet ħallset lil min kien qed jissupplixxi l-materjal (Attrans Commercials Ltd). Spjega li Attard kellu xi Dinari Libjani li xtaq li jiġu trasferiti lura lis-soċjetà tiegħu u ta' struzzjonijiet lill-kuntatt tiegħu fil-Libja biex din il-persuna tgħaddihom lis-soċjetà ta' Nasser biex dan jibghathomlu u b'hekk jidher li kien qed isir il-pagament kif meħtieġ mil-liġi Libjana. Qal li effettivament il-kuntatt ta' Attard fil-Libja, Abdulsalam, għadda LYD180,000 lil Nasser, u dan l-għada ttrasferixxa l-ammont ta' LYD54,987 rappreżentanti l-ammont tal-fattura tal-ewwel trailer. Qal li dan il-proċess irrepeta ruħu diversi drabi, fejn Abdulsalam kien jgħaddi ammonti ta' flus kontanti tas-soċjetà Attrans lil Nasser, u dan jittrasferihom lura lil Attrans.

"Abela, Galea u Farrugia jiċħdu li huma b'xi mod dirett jew indirett qatt irċevew xi flus mingħand Saviour Attard jew is-soċjetà rikorrenti. Xehdu li l-flus tal-partnership kienu jiġu depożitati f'kont bankarju ġestit minn Nasser Marghni u kien hu li jiffirma c-cheques, jagħmel il-pagamenti u t-trasferimenti.

"Huma jsostnu li kienu biss middlemen bejn żewġ kumpaniji fin-negozju li minnu kellhom commission li qatt ma ħadu.

"Jiċħdu li qatt issellfu flus mingħand Attard jew is-soċjetà rikorrenti.

"Fil-kontro-eżami tiegħu, Ivan Abela xehed li mal-Attrans Commercials Ltd l-uniku negozju li qatt għamel kien meta xtara generator (fil-bidu tal-2009) biex ibiegħu lill-klijent tiegħu fil-Libja.

"Ġew esebiti diversi dokumenti li jistgħu jitfgħu dawl dwar il-kwistjoni ta' ma min kienet qed tagħmel in-negozju s-soċjetà rikorrenti:

"Hemm e-mails[2] ta' Ottubru u Diċembru 2009 fejn jidhru s-segwenti indirizzi:

pierre@highway.com.ly
ivan@highway.com.ly
kenneth@highway.com.ly
nasser@highway.com.ly
chris@attranscommercials.com
attrans@attranscommercials.com
catherine@attranscommericials.com

"Jidhru xi "House Bill of Ladings"[3] maħruġa mis-soċjetà rikorrenti fejn hija indikata bħala il-"consignor" u s-soċjetà "Highway Car & Spare Parts Importation" bħala l-"consignee", b'Nasser Marghoni indikat bħala l-kuntatt.

"Jidhru "Combined Transport Bill of Ladings"[4] maħruġa mill-Atlantica S.p.A di Navigazione fejn is-soċjetà rikorrenti hija indikata bħala x-"shipper" u s-soċjetà "Highway Car & Spare Parts Importation" bħala l-"consignee".

"Jidhru "Certificates of Origin"[5] maħruġin mill-Maltese-Arab Chamber of Commerce, Industry and Agriculture fejn ukoll is-soċjetà rikorrenti hija indikata bħala l-"consignor" jew l"exporter" u s-soċjetà "Highway Car & Spare Parts Importation" hija indkata bħala l-"consignee".

---

[2] Fol 69-72
[3] Fol 95, 107, 118, 125, 135, 142, 147, 152
[4] Fol 131, 143, 147
[5] Fol 96-97, 108-109, 119, 123, 126, 132, 136

"Jidhru invoices[6] maħruġa mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà Highway Car & Spare Parts Importation.

"Ġiet esebita wkoll l-ittra datata 8 ta' Diċembru 2010 fuq letterhead tas-soċjetà Highway li permezz tagħha Saviour Attard kien ġie notifikat bix-xewqa li n-negozju jiġi tterminat. Din hija ffirmata minn Nasser Marghni, Kenneth Galea, Pierre Farrugia, u Ivan Abela. Fiha ingħad illi minħabba nuqqas ta' fiduċja bejn il-"partners" u "after taking into consideration the interest of both HIGHWAY and ATTRANS, we have decided that our agreement must be terminated by the 31st December 2010."

"Din is-sentenza hija waħda limitata għas-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Ivan Abela, Pierre Farrugia, Kenneth Galea u Kingpin Ltd.

"Il-leġittimi kuntraditturi:

"Fl-ewwel erba' (1-4) eċċezzjonijiet tagħhom huma eċċipew li m'humiex il-leġittimi kuntraditturi għaliex Abela, Farrugia u Galea kienu biss intermedjarji bejn żewġ kummerċjanti, filwaqt li Kingpin Ltd qatt ma kienet involuta fin-negozju in kwistjoni.

"Is-soċjetà rikorrenti ssostni li n-negozju kien sar ma' Abela, Farrugia u Galea personalment filwaqt li dawn isostnu li sa mill-bidu kienu għamluha ċara li kienu biss il-konsulenti tas-soċjetà ta' Nasser Marghni (Highway Car & Spare Parts Importation Ltd) u li effettivament Saviour Attard, id-direttur tas-soċjetà rikorrenti kellu diskussjonijiet ma' Marghni sabiex issir joint venture bejn il-kumpaniji rispettivi tagħhom.

"Din il-qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "- Qatt ma sar ftehim bil-miktub fir-rigward tan-negozju in kwistjoni.
>
> "- Mill-indirizzi tal-emails (li jispiċċaw …@highway.com.ly u …@attranscommercials.com) u mid-dokumenti relatati mal-importazzjoni tal-inġenji, jidher għall-inqas prima facie li n-negozju kien qed isir bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà Highway Car & Spare Parts Importation Ltd (li skont Attard hija l-kumpanija ta' Abela, Farrugia u Galea).
>
> "- Għalkemm Attard xehed li kien jaf li Abela, Farrugia u Galea kienu qegħdin joperaw mill-kumpanija "tagħhom" (Highway) qal li ma kellux problema li jagħmlu hekk iżda sostna li n-negozju kien magħhom personalment. Però apparti l-fatt li l-istess Abela,

[6] Fol 98, 111, 115, 121, 128, 133, 137, 144, 148, 153

Farrugia u Galea isostnu li l-kumpanija Highway hija fil-fatt tal-imprenditur Libjan Nasser Marghni u mhux tagħhom, ma teżistix l-iċken prova li tikkorobora l-verżjoni ta' Attard li l-ftehim dwar in-negozju in kwistjoni kien sar magħhom personalment. Għalhekk jidher li n-negozju kien qed isir mas-soċjetà Highway u mhux magħhom personalment.

"- Il-fatt li Abela, Galea u Farrugia kellhom emails personali tagħhom bl-isem tal-kumpanija (….@highway.com.ly) hija kompatibbli max-xiehda tagħhom li bħala konsulenti tal-kumpanija ta' Nasser Marghni huma kienu jużaw l-uffiċini tiegħu ġewwa l-Libja u li kellhom "aċċess sħiħ għas-sistema tal-computers tiegħu anke minn Malta".

"- L-uniku dokument esebit fl-atti li huwa relatat direttament man-negozju huwa propju l-ittra tat-8 ta' Diċembru 2010 bil-letter head tas-soċjetà Highway li intbagħtet lil Saviour Attard. F'din l-ittra jingħad li huwa fl-interess taż-żewġ kumpaniji (Highway u Attrans) li l-ftehim ta' negozju jiġi tterminat sal-aħħar tax-xahar. Din il-qorti tosserva li fuq din l-ittra barra l-firma ta' Nasser Marghni, jidhru l-firem ukoll ta' Abela, Galea u Farrugia. F'dan ir-rigward huma fl-affidavits ulterjuri tagħhom fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari, spjegaw hekk: "*Din l-ittra, miktuba fuq letterhead tas-soċjetà Libjana, Highway Car and Spare Part importation, ġiet iffirmata mis-sur Marghni f'isem, u bħala rappreżentant tas-soċjetà Libjana li permezz tagħha temm il-ftehim ta' bejniethom. Il-firem tagħna fuq din l-ittra hija indikazzjoni u dikjarazzjoni illi konna qbilna mad-deċiżjoni tas-sur Marghni, u assoċjana ruħna ma' tali deċiżjoni tiegħu, u dan, billi r-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet kienet iddeterjorat lil hinn mir-rikonċiljazzjoni. …ridna nagħmluha ċara li r-rwol tagħna bħala faċilitaturi tal-kummerċ ġie terminat f' dan il-mument u għall-istess raġunijiet li Marghni ħass illi għandu jieqaf jopera ma' Attrans Commercials Ltd... kien fl-interess dirett tagħna li l-partijiet jilħqu terminazzjoni amikevoli, peress li l-commission tagħna kienet tiddependi fuq il-finalizzazzjoni tal-kontijiet mas-soċjetà Libjana, Highway Car and Spare Part Importation.*"

"In vista ta' dan kollu din il-qorti hija tal-fehma li s-soċjetà rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova li n-negozju kienet għamlitu personament ma' Abela, Galea u Farrugia.

"Fir-rigward tas-soċjetà konvenuta Kingpin Ltd, ma jidhrix li din qatt kienet involuta b'xi mod fin-negozju in kwistjoni.

"Għalhekk l-ewwel erba' eċċezzjonijiet jitqiesu fondati.

"Fil-ħames (5) eċċezzjoni ġie eċċepit li mhux minnu li s-soċjetà kienet selfet xi flus lil Abela, Galea, Farrugia u Kingpin (jew min minnhom).

> "Is-soċjetà rikorrenti qed tallega li effettivament selfet xi flus lil Abela, Galea u Farrugia. Fl-affidavit tiegħu Saviour Attard spjega li bejn is-17 ta' Ottubru 2009 u l-14 ta' Jannar 2010 kien ħareġ LYD720,000 (li skont hu nofshom kienu għas-sehem tas-soċjetà rikorrenti Attrans Commericals Ltd u nofshom kienu għas-sehem ta' Abela, Galea u Farrugia u li dawn kellhom iħallsuh lura).
>
> "L-allegazzjoni tas-soċjetà rikorrenti li l-ftehim kien li hi minn naħa u Abela, Galea u Farrugia minn oħra jidhlu għan-negozju nofs bin-nofs ma tirriżulta minn imkien. Daqstant ieħor ma jirriżultax li hija ħarġet ammonti ta' flus li jirrappreżentaw in-nofs tagħha u n-nofs ta' Abela, Galea u Farrugia li kienet qed tavvanza bħala self.
>
> "Anzi kif rajna (supra) il-verżjoni li jagħtu l-istess Abela, Galea u Farrugia fir-rigward tal-ammonti li Abdulsalam għadda lil Nasser Marghni fuq struzzjonijiet ta' Attard, hija differenti għall-aħħar. Huma jispjegaw li r-raġuni għaliex Abdulsalam (il-kuntatt ta' Saviour Attard fil-Libja) kien jgħaddi ammonti ta' flus kontanti lil Nasser Marghni, u imbagħad dan jittrasferihom lura lil Attrans, kien sabiex jidher li s-soċjetà importatriċi Highway kienet qegħda tħallas minn qabel għall-merkanzija, kif rikjest mil-liġi Libjana.
>
> "Għalhekk din il-ħames eċċezzjoni tirriżulta fondata.
>
> "Isegwi għalhekk li s-sitt eċċezzjoni, u cioé li l-azzjoni fil-konfront ta' Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Ltd għandha tiġi respinta bl-ispejjeż, hija wkoll fondata."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà attrici Attrans Commercial Limited, ipprezentat fid-9 ta' Frar, 2016, u li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza preliminari moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' Jannar, 2016, fl-ismijiet fuq premessi, billi tichad u tirrespingi l-ewwel sitt eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati Ivan Abela, Kenneth Galea, Pierre Farrugia u Kingpin Limited fis-shih, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Rat ir-risposta tal-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, fil-kwalità taghhom bhala kuraturi deputati biex

jirraprezentaw lill-assenti socjetà Libjana Highway Car and Spare Parts Importation Company u lill-assenti Abulnaser Marghni li in forza taghha esponew illi mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Ivan Abela u Kenneth Galea, li in forza taghha u ghar-ragunijiet minnhom moghtija, talbu illi din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Rat illi ghalkemm l-appellati Pierre Farrugia u Kingpin Limited gew debitament notifikati bir-rikors tal-appell, ma pprezentaw ebda risposta.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2016, il-partijiet ittrattaw l-appell u l-appell baqa' differit ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ghandu jinghad mal-ewwel li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk tara li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.  Din il-Qorti ta' revizjoni tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament

zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. Dan jghodd aktar f'din il-kawza, li hi marbuta mal-apprezzament tal-provi li semghet u annalizat l-ewwel Qorti;

Ikkonsidrat:

Illi peress li s-sentenza issa appellata laqghet l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti li mhumiex legittimi kontraditturi stante li kienu biss intermedjarji bejn zewg kummercjanti, u li ma gie avvanzat lilhom ebda self, l-ezami tal-provi ser ikun limitat in kwantu jolqtu dawn l-eccezzjonijiet preliminari.

Permezz tal-proceduri odjerni s-socjetà attrici tikkontendi illi hija dahlet f'negozju bi shab mal-konvenuti Abela, Galea, Farrugia u Kingpin Limited, sabiex flimkien jesportaw l-ingenji lejn il-Libja, u li avvanzat certu ammont ta' flus, partikolarment li harget sehem l-appellati bhala self ta' flus li kellhom jintraddu lura. Is-socjetà attrici kellha takkwista minghand terzi l-ingenji u makkinarju, sabiex jinbieghu fil-Libja, filwaqt li l-partijiet kellhom jidentifikaw akkwirenti fil-Libja ghal dawn l-ingenji u makkinarju. Is-socjetà attrici tishaq li kellha tithallas lura l-prezz u l-ispejjez inkorsi minnha ghall-akkwist ta' tali ingenji u makkinarju, filwaqt li l-profitti rizultanti kellhom jinqasmu bejn il-partijiet, in kwantu ghal hamsin fil-mija ghaliha u hamsin fil-mija ghall-konvenuti appellati.

Jinghad ukoll mis-socjetà attrici li l-appellati Maltin kellhom socjetà Libjana, il-konvenuta Highway Car and Spare Parts Importation Company, li kellha tigi utilizzata bhala mezz biex jinbieghu l-ingenji u l-makkinarju fil-Libja, filwaqt li l-konvenut Abulnaser Marghni, li kien identifikat mill-konvenuti l-ohra, kien mehtieg bhala cittadin Libjan tal-fiducja taghhom, li kien il-kuntatt taghhom fil-Libja; izda tinsisti li l-ftehim ghan-negozju sar mal-konvenuti Maltin personalment.

Il-versjoni tal-appellati Abela, Galea u Farrugia tikkontrasta ferm ma' dak li jinghad mis-socjetà appellanti, fis-sens li jghidu li dawn it-tlieta min-nies kienu ilhom snin twal hbieb u li individwalment kellhom in-negozju rispettiv taghhom. Fost affarijiet ohra, kellhom negozju personali fil-Libja u li f'certu okkazjonijiet kienu jippruvaw jabbinaw iz-zjara taghhom fil-Libja sabiex jitilghu flimkien. Jinghad li Farrugia introduca lill-konvenut Marghni lill-konvenuti l-ohra bhala imprenditur Libjan li kien jopera n-negozju tieghu permezz tas-socjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company, li xtaq jespandi n-negozju tieghu. Kien miftiehem li t-tliet ihbieb Maltin kienu ser jaghmlu xoghol ta' konsulenza sabiex imexxu u jkabbru din il-kumpanija Libjana, biex tiddiversifika aktar u jlaqqghuwha ma' klijenti godda. Ma kellhomx jithallsu b'paga fissa izda permezz ta' kummissjoni fuq il-bejgh li jsir. Abela kien jaf lil Attard, tas-socjetà attrici, minn xi negozju precedenti li

kien ghamel mieghu, u t-tnejn kienu jiddiskutu l-esperjenzi rispettivi taghhom ta' xoghol fil-Libja.

Kien permezz ta' inkontru kazwali fl-ajruport fi triqithom lejn il-Libja, bejn Attard, Abela u Farrugia, fejn nibet il-hsieb li jsir in-negozju meritu ta' din il-kawza, meta skont Abela, Attard li kien digà shab ma' xi Libjani, infurmahom li ried jinqala' 'l barra u ried isib sieheb li seta' jafda. Hawnhekk Farrugia ghamel kuntatt ma' Marghni u introducewh, bhala sid is-socjetà Highway Car and Spare Parts Importation Company (minn hawn 'il quddiem imsejha Highway), lil Salvu Attard.

Abela jishaq li Attard, ghan-nom ta' Attrans Commercials Limited (minn hawn 'il quddiem imsejha Attrans), dahal fi ftehim dirett ma' Marghni fis-sens li bejn it-tnejn kellha ssir *joint venture,* sabiex is-socjetà ta' Marghni timporta u tbiegh l-ingenji fil-Libja. Attrans kellha tibghat l-ingenji u l-makkinarju lejn il-Libja "*on consignement basis",* Highway kellha tbiegh l-ingenji u l-makkinarju, u bir-rikavat tal-bejgh, Highway thallas lil Attrans il-prezz tal-makkinarju u, wara li jitnaqqsu l-ispejjez, ir-rikavat jinqsam ugwalment bejn Highway u Attrans. L-ispejjez kellhom jithallsu ugwalment bejn Highway u Attrans. Il-konvenuti Abela, Galea u Farrugia kellhom jiehdu hsieb il-processar ta' dokumenti tad-Dwana u ta' dan kellhom jithallsu kummissjoni fl-ahhar tas-sena minn Highway.

Kif irrilevat l-ewwel Qorti, ma jirrizultax li sar xi ftehim bil-miktub dwar in-negozju bejn il-kontendenti fil-kawza. Ghalkemm huwa pacifiku li l-ftehim kien wiehed verbali u l-Kodici tal-Kummerc ma jipprekludix li jsir ftehim bil-fomm, madankollu jirrizultaw zewg verzjonijiet kuntrastanti ghall-ahhar rigward in-natura ta' relazzjoni li kien hemm bejn s-socjetà attrici appellanti u l-konvenuti appellati. Fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub jehtieg li l-gudikant jiddetermina n-natura tan-negozju u l-ftehim bejn il-partijiet a bazi tal-provi.

In tema legali dwar konflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April, 2004, inghad:

> "… … … *jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[7] *Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet.*[8] *Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili."*

Hekk ukoll fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. David Curmi noe**, hekk kif konfermata minn din il-Qorti, fid-19 ta' Gunju, 2006, kien precizat:

---

[7] App. Inf. Anthony Camilleri vs Maurice Cauchi et – 22 ta' Novembru 2002
[8] App. Civ. Paul Vassallo et vs Carmelo Pace (1986) Vol. LXX.II.144

> *"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."*

Minn ezami tal-atti f'din il-kawza din il-Qorti, ghalkemm ma jirrizulta ebda ftehim bil-miktub, hija tal-fehma li l-konvenuti Abela, Galea u Farrugia tabilhaqq ipprestaw is-servizzi taghhom bhala medjaturi sabiex isehh negozju bejn is-socjetà attrici appellanti u s-socjetà Libjana Highway u li l-verzjoni moghtija mill-appellati hija aktar verosimili. Dan qieghed jinghad mhux biss minhabba certu inkongruwenzi fix-xhieda ta' Attard, bhal meta jishaq li dahal f'dan in-negozju fil-Libja direttament mal-Maltin personalment u mbaghad in kontro-ezami jikkonferma li kull negozju li ghamel fil-Libja fuq medda ta' ghoxrin sena kien ma' kumpaniji li kellhom *ownership* Libjan, izda sahhansitra minhabba inverosimiljanza tal-verzjoni tieghu. Huwa minn lewn id-dinja li negozjant, bhalma hija s-socjetà attrici, ma tghaddix ammonti kbar ta' flus, f'kontanti, f'idejn persuna Libjana li hija m'ghandha ebda gharfien taghha, ghajr ghall-fatt li giet indikata lilha mill-konvenuti Maltin!

Dan apparti li kif gustament ikkonstatat l-ewwel Qorti, il-fatturi kollha esebiti mill-konvenuti huma indirizzati lil Highway; il-*House Bills of Lading*, *Combined Transport Bills of Lading,* u *Certificates of Origin,*

mahruga mill-*Maltese-Arab Chamber of Commerce,* kollha jindikaw li n-negozju kien qieghed isir bejn Attrans bhala l-*consignor*, u Highway bhala l-*consignee,* u *contact* kien indikat bhala Abulnaser Marghni – imkien ma jirrizulta isem il-konvenuti appellati, hlief fl-*e-mails* skambjati bejn il-partijiet, fejn hemm ukoll jirrizulta li l-konvenuti appellati kellhom indirizz tal-*e-mail* abbinat mal-istess socjetà Highway. Dan, izda, bl-ebda mod ma jipprova li l-appellati kienu ikkuntrattaw personalment f'isimhom jew li kellhom ir-rapprezentanza legali tas-socjetà Libjana Highway, kif tikkontendi s-socjetà appellanti. Se mai, kif intqal mill-ewwel Qorti, dawn anzi jikkonfermaw li *prima facie* n-negozju kien bejn Highway u Attrans. Il-fatt li l-appellati kellhom access ghall-kompjuters ta' Highway m'ghandhiex ixxejjen jew tnaqqas minn dak li ntqal minnhom in kwantu jishqu li huma konsulenti ta' Highway u dan kien, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar minn haga ohra, indikattiv ta' parti mill-arrangament li l-konvenuti Maltin kellhom ma' Highway.

Ghalkemm s-socjetà appellanti tishaq li n-negozju sehh mal-appellati personalment u li s-socjetà Highway kienet biss socjetà tal-istess konvenuti appellati li serviet bhala mezz biex twettaq in-negozju bejn il-partijiet, din it-tezi ma tinsabx korraborata mill-provi. Lanqas ma gie riskontrat xi inkonsistenza fix-xiehda ta' Abela fir-rigward tal-livell tal-involviment tal-konvenuti Maltin fl-amministrazzjoni jew maniggjar tal-inkarigu taghhom. Il-fatt li kienu jzommu l-konteggi tal-*joint venture* jew li jbieghu ghan-nom tal-kumpanija Highway, huwa konsistenti ma' dak li

jinghad minnu li kienu inkarigati jamministraw in-negozju fl-interess ta' Highway. Fl-ahhar mill-ahhar, huwa meqjus rilevanti li in kontro-ezami, dan l-istess xhud jishaq li n-negozju kien bejn zewg kumpaniji u huwa kien jaghti pariri lil Marghni, izda ma kienx jiehu decizjonijiet hu dwar l-ordnijiet li riedu jsiru.

Is-socjetà appellanti tilmenta wkoll li ma nghatatx id-debita importanza lil dokument partikolari esebit in atti, l-ittra datata 8 ta' Dicembru, 2010. Din il-Qorti ma taqbilx li din hija l-uniku ittra li tirrizulta mill-atti relatata man-negozju, peress li kif intqal qabel hemm numru ta' fatturi u *bills of lading* li wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjonijiet taghha. Fi kwalunkwe kaz, din l-ittra li hija mahruga fuq *letterhead* ta' Highway, tinforma lis-socjetà appellanti li n-negozju kien qieghed jigi itterminat. Is-socjetà appellanti tikkontendi li l-fatt li giet iffirmata minn erbgha min-nies, Marghni, Abela, Farrugia u Galea kellu jiddetermina r-rwol dirett li kellhom l-appellati fin-negozju u mhux ta' semplici facilitaturi fil-kummerc. Din il-Qorti rat kemm l-affidavit ulterjuri tal-konvenuti fuq dan il-punt, kif ukoll ix-xhieda in kontro-ezami tal-istess Abela fir-rigward u tirrileva li fil-fehma taghha, bhall-Qorti ta' qabilha, din l-ittra tassew ma tistax tittiehed hlief it-tmiem tan-negozju bejn Highway u Attrans, u bl-ebda mod ma tfisser li l-ftehim kien bejn is-socjetà attrici appellanti bi shab mal-appellati Maltin. Lanqas ma jigi riskontrat xi inkongruwenza fil-fatt li l-ftehim bejn l-appellati Maltin u s-socjetà Libjana kien fis-sens li fl-ahhar tas-sena huma kellhom jithallsu *commission* a bazi tal-profitti.

Din il-Qorti wkoll ma irriskontrat ebda involviment da parti tas-socjetà Kingpin Limited.

Fir-rigward tal-kwistjoni l-ohra deciza wkoll mill-ewwel Qorti, ma tirrizultax anqas l-icken prova li sar self ta' somma flus kif tikkontendi s-socjetà attrici appellanti favur l-appellati, jew li b'xi mod avvanzat flus bhala self ghan-nom ta' Abela, Galea u Farrugia. Kif jinghad fis-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tas-17 ta' April, 2009, fl-ismijiet **Christine Xuereb v. Mario Micallef**:

> "*Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jghamlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu, imqar prima facie jistabbilixxi t-tezi tieghu, li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn Phipson on Evidence 11th Edition, para. 103 'In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case.'*
>
> "*L-istess awtur jispjega wkoll (op. cit. para. 91) li rregola 'ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*.'"

Fil-kuntest tat-talba tal-appellati ghall-isfilz tad-dokumenti annessi mar-rikors tal-appell, din il-Qorti tirrileva illi huwa dritt moghti lill-appellant mil-ligi li jesebixxi dokumenti godda mar-rikors tal-appell u, ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tordna l-isfilz taghhom. Kif, pero`, gia` gie deciz kemm-il darba minn din il-Qorti (ara, per ezempju, **Micallef v. Brian Tyre Services** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju, 2013), il-valur

probatorju taghhom huwa mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. F'dan il-kaz, din il-Qorti rat li d-dokumenti esebiti mhumiex relevanti ghar-rizoluzzjoni tal-aggravji sollevati fl-appell u, allura, ma hux mehtieg provvediment fir-rigward.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjetà attrici, Attrans Commercials Limited, billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma fis-shih is-sentenza tal-20 ta' Jannar, 2016.

L-ispejjez kollha rigward din is-sentenza preliminari, kemm tal-prim'istanza, kif ukoll ta' dan l-appell, ghandhom jithallsu mill-istess socjetà attrici.

Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex ikompli s-smigh tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri | Tonio Mallia | Joseph Azzopardi |
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df